**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Novembru 2023**

**<u>Rikors nru : 169/2012 AGV</u>**

**RM**

**Vs**

**FM**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors guramnetat ta' RM , fejn ippremettiet is-segwenti:-**

Tesponi bir-rispett u bil-gurament tikkonferma li taf personalment:

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fis-sbatax (17) ta’ Jannar tas-sena elf disa mija sebgha u disghin (1997) u dan skond ma’ jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument A.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifla li jisimha CM li ghandha hmistax-il sena, certifikat tat-twelid anness u markat Dokument B.

3. Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti m’ghadiex aktar possibbli minhabba li l-intimat irrenda ruhu hati lejn martu r-rikorrenti ta’ adulterju, theddid, sevizzi, eccessi u ingurji gravi kif ukoll minhabba inkompatbilita’ ta’ karattru.

4. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

5. Illi l-esponenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f’dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali skont ma jirrizulta mad-Dokument C li qed jigi anness.

Ighid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi M minhabba adulterju, theddid, sevizzi eccessi u ingurji gravi li l-intimat ikkommetta kontra martu r-rikorrenti, u kif ukoll minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru.

2. Tafda lir-rikorrenti bil-kura u kustodja tal-minuri CM , salv l-access tal-intimat ghall-istess wild minuri jekk ikun il-kaz.

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti ghaliha u ghall-wild minuri C dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi, b’dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u ordni ghal-hlas dirett mill-paga tal-intimat li ghandhom jigu ffisati minn din l-Onorabbli Qorti.

4. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b’mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjat lill-partijiet u billi ukoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimat jitqies li dekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti u dana kollu okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

7. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni u krediti parafernali u dotali taghha.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li qieghed jigi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta mahlufa ta' FM , fejn eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi l-esponenti m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti illi din l-Onorabbli Qorti takkorda s-separazzjoni personali, izda mhux zgur a bazi ta' dak allegat mir-rikorrenti imma minhabba ragunijiet imputabbli unikamament ghall-istess rikoorrenti kif ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-generalita' tal-ewwel eccezzjoni mhux minnu li l-esponenti rrenda ruhu hati ta' adulterju, theddid, sevizzi, eccessi u ngurji gravi u huwa jichad dawn l-allegazzjonijiet bhala li huma inveritiera fit-totalita' taghhom. Anzi l-esponenti dejjem ghamel hiltu sabiex ikun ragel tajjeb, u missier tal-familja ha jara li dina timxi l-quddiem anke sahansitra billi ghen b'mod regolari lill-familjari tar-rikorrenti kif ukoll ppruvat waqt is-smiegh tal-provi f'dina l-kawza.

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, kienet ir-rikorrenti li kkommettiet adulterju, theddid, sevizzi eccessi u ingurji gravi fil-konfront tal-esponenti tant li hija qatt ma riedet tassumi l-obbligi u r-responsabilitajiet familjari taghha.

4. Illi m'hemm l-ebda ragun ghaliex il-kura u kustodja tal-bint minuri tal-kontendenti ghadha tkun fdata esklussivament lir-rikorrenti u ghalhekk it-tieni talba ghandha tigi michuda. L-esponenti dejjem ghamel dak li seta' biex ikun missier tajjeb, ghandu relazzjoni tajba ma' bintu anke jekk ir-rikorrenti qieghda taghmel minn kollox biex tkissirha u l-eskluzjoni tieghu minn hajjitha zgur li qatt ma tista' tkun fl-ahjar interess tat-tifla.

5. Illi fir-rigward tat-talba ghall-hlas ta' manteniment favur ir-rikorrenti li hemm mnizzla fit-tielet talba, l-esponenti umilment jeccepixxi illi r-rikorrenti

m'ghandiex tircievi manteniment minghandu l-ewwel nett ghaliex din is-separazzjoni kienet kagun taghha u t-tieni net u indipendentement mill-kwistjoni ta' htija r-rikorrenti tahdem u ghandha impjieg regolari dejjem hadmet u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghall-hlas ta' manteniment favur taghha ghandha tigi michuda.

**6.** Illi fir-rigward ta' manteniment ghal bint il-partijiet l-esponenti ma jsib ebda eccezzjoni b'dan illi l-ammont ta' manteniment akkordat ikun verament jirrifletti il-posizzjoni finanjzarja tieghu u dan tenut kont tal-fatt li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha eluf ta' Ewro bhala dejn ma' diversi kredituri li principarjament huma l-banek u li huwa l-esponenti wahdu li bhalissa qieghed jhallas dan id-dejn dan oltre l-fatt li l-introjtu tieghu biss minn impjieg kwazi rregolari u ghalhekk d-dhul tieghu huwa wiehed zghir.

**7.** Illi l-esponenti joggezzjona ghat-talba fil-paragrafu IV u ghandha tigi michuda stante li l-esponenti ma ikkommettix f'ebda dekadanza u l-artikolu citati m'ghandhomx jigu applikati kontra tieghu la in parte u wisq anqas in toto.

**8.** Illi fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti il-paragrafu V l-esponenti jaqbel li komunjoni tal-akkwisti dikjarata xolta imma r-rikorrenti ghandha tigi dikjarata b'responsabbilita' ugwali daqs l-esponenti kemm ghall-assi kif ukoll ghad-djun li ghandha l-komunita' tal-akkwisti mhux qabel li tigi stabbilita l-

**9.** Illi l-esponenti m'ghandu l-ebda oggezzjoni illi tinqasam il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kif hemm mitlub fil-paragrafu VI diment li dina tinqasam ugwalment bejn il-partijiet li ghandhom jassumu r-responsabbilita' kollha kemm ghall-assi kif ukoll ghad-djun li jezistu liema komunjoni tikkonsisti fil-maggior parti taghha fi djun illi r-rikorrenti qieghda issa

tipprova tahrab milli thallas meta waqt il-hajja matrimonjali taghhom kienet taf.

**10.** Illi fir-rigward tat-talba fil-paragrafu VII l-esponenti m'ghandu l-ebda oggetti parafernali apparti lir-rikorrenti izda jekk ghall-grazzja tal-argument hemm dato non conocesso, dawn iridu jitnaqqsu mill-flus li l-esponenti jhallas lir-rikorrenti u biex jghin lill-familjari taghha.

**11.** B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra r-rikorrenti minn issa ngunta in subizzjoni.

Ghaldaqstant umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti limitatament ghall-pronunzja tas-separazzjoni personali likwidazzjoni u divorzju tal-komunjoni tal-akkwisti u manteniment ghall-bint minuri tal-partijiet u tirrespingi t-talbiet l-ohra kollha tar-rikorrenti

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti minn issa ngunta in subizzjoni .

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-rapport tal-Perit psikologa Carmen Sammut.[1]

Rat ir-rapport tal-Perit Komputista Kevin Mahoney.[2]

Rat is-sentenza tat-3 ta' Gunju, 2021 fejn dina l-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.[3]

---

[1] A fol. 655
[2] A fol. 717
[3] A fol. 941

**Fatti**

L-attrici, filwaqt li tikkonferma li kienu zzewgu wara li harget tqila, tghid li mazzwieg ftit ghamlet differenza f'hajjitha, ghax il-konvenut qatt ma kien ikun id-dar u kienet tikkunsidrah bhala ghazzien u qatt ma ried jahdem u kien jippreferi joqghod idur ma' shabu,

Tishaq li meta t-tifla C,  kienet ghalqet sena, kienet bdiet tahdem *part-time* go fabbrika u kienu offrewlha xoghol *full-time*. Sadanittant, il-konvenut kien beda jahdem ghar-rasu billi jahdem bhala sprayer u anke jbiegh il-karozzi. Kien jilmenta li l-klijenti ma kinux ihallsuh u kien ghalhekk li kienet bdiet tinsisti mieghu li ghandu jsib impjieg peress li ma setghux ikampaw bil-paga taghha li kienet wahda minima. Il-konvenut pero' ma kienx dispost li jimpjega ruhu.

L-attrici tkompli tispjega li l-konvenut ma kienx jikkontribwixxi lejn l-ispejjes tat-tifla C u l-ftit li kien jaghtiha kien izomm nota taghhom u jitlobhomlha lura.

Tispjega li meta kienu marru jghixu mal-genituri tal-konvenut ma kien jikkontribwixxi xejn u minflok kien igieghlha thallas ghall-ispejjes tal-bzonnijiet ta' kuljum. Is-sitwazzjoni kienet baqghet l-istess meta marru jghixu ghar-rashom.

Meta l-konvenut iddecieda li ried jiehu self mill-bank sabiex jiftah hanut, l-attrici tghid li kienet kontra, izda l-konvenut ghamel ta' rasu u wara sena ried jerga' jissellef mill-Bank of Valletta ghaliex ried jixtri izjed stock, izda rrifjutaw. Kien ghalhekk mar biex jipprova jiehu loan mill-APS Bank u kienu accettaw, bil-kundizzjoni li jaghti garanzija. Tishaq li kienet kontra dan is-self ukoll. Kienu l-genituri tal-konvenut li kienu taw darhom bhala garanzija tas-self li l-konvenut kien ser jiehu.

Gieghlha minn wara daharha tiffirma prokura meta kien qallha li dawn kienu karti ghas-self u kien ha vantagg minnha ghax dak il-hin kienet qed tkorri lit-tarbija.

Sadanittant kien baqa' jissellef mill-Bank bla ma jghidilha. Meta korriet it-tielet tarbija, il-konvenut kien mar ghaliha u kien lanqas wera ftit empatija lejha.

Minn hawn l-affarijiet qalbu ghall-aghar u l-attrici kienet talbitu sabiex imorru ghal counselling u anke jekk irrifjuta kienet marret wahedha u l-iktar peress li kien ighajjarha u ma kinitx thossha kapaci ghal xejn. Minkejja li kien jghajjarha kienm jippretendi li wara x-xoghol taghha toqghod fil-hanut u anke jekk kien isiefer fuq xoghol kien jippretendi li tiftah il-hanut u taghmel granet hemm.

Meta l-konvenut kien fetah l-ewwel negozju RCF Autoparts & Accessories, kienu ggieldu hafna peress li l-attrici kienet kontra li jidhlu f'dan id-dejn u kienet spiccat marret tghix ghand missierha, flimkien ma' binthom C.

Meta ddecideit li tmur lura, kienu marru jghixu go post li kienet sellfithom oht i-konvenut u wara li marru jghixu hemm, il-konvenut kien ghamel zmien qasir tajjeb, izda mbaghad beda jibqa' barra ghall-hinijiet twal. Kien iqatta' hafna hin Hal Far peress li kien dilettant tal-karozzi. Kien anke imur itellaq il-karozzi f' Ta' Qali.

L-attrici tteni li l-konvenut kien ghamel zmien jahdem bhala security, waqt li kellu l-hanut. Kien dejjem ilmenta li ma kienux ihallsuh u kien anke biddel il-post tax-xoghol u xorta baqa' jilmenta li mhux qed jithallas.

Inoltre, ghall-habta ta' Novembru, 2011, telqu mid-dar ta' oht il-konvenut, peress li kellha bzonn il-post. L-attrici tghid li marret tghix, flimkien ma' C, fid-dar ta' missierha, flimkien ma' hutha.

Meta l-konvenut kien ghalaq il-hanut tal-ispare parts, ha l-makkinarju li kien iqum il-flus u kien poggihom go garaxxijiet fil-Birgu jew Bormla.

F’ Gunju, 2010 iddecidew li jisseparaw u f’Settembru, 2010 il-konvenut telaq mid-dar. Sadanittant saret taf li l-konvenut rega’ ha loan u dahal f’kirja ohra u waqqaf il-hanut RCF Confectionary u dan minghajr ma kienet taf u minghajr ma’ tat il-kunsens taghha u dan meta diga’ kienu bdew bil-proceduri tal-medjazzjoni. Xtara l-makkinarju u l-istock. Kien tul il-kawza li saret taf li l-genituri tal-konvenut kien hadu dan in-negozju.

L-attrici tinsisti li dan iz-zwieg ma setax jirnexxi minhabba li l-konvenut kien jigdeb hafna u saret taf li kien jixtri diversi vettturi, li lanqas kienet taf bihom. Kellu d-dejn mal-Bank of Valletta plc u spiccat parti mill-kawza li fethulhom u lanqas kienet taf biha. Izid tghid li dina l-kawza kienet inqatghet kontrihom.

Il-konvenut ighid li zzewwgu fis-17 ta’ Jannar, 1997 u dak iz-zmien, l-attrici diga’ kienet qed tistenna tarbija C. Kien fuq l-insistenza ta’ omm l-attrici li zzewwgu. Ghall-bidu kienu marru jghixu mal-genituri tal-attrici u dak iz-zmien kien ihallas kollox hu. Jikkonferma li kellhom argument ma’ missier l-attrici u kienu telqu u marru jghixu mal-genituri tieghu. Kien biss meta ggieldu ghaliex l-attrici kienet harget mal-kollegi tax-xoghol, li talbu lil oht il-konvenut ADB sabiex isellifhom post minn taghhom u marru joqoghodu hemm flimkien mat-tifla u ftit wara marru jghixu maghhom hut l-attrici minhabba li l-genituri kienu qed jisseparaw. Kienu jghaddu xi haga zghira lil oht il-konvenut.

Ighid li mbaghad kienu hargu xi spejjes sabiex irrangaw post tal-Gvern ta’ missier l-attrici f’ Santa Lucia. Minhabba li l-genituri tal-attrici kellhom problemi finanzjarji kien spicca jhallas ghal kollox hu u kien ihallas ukoll il-kontijiet pendenti ma’ tal-laham u tal-merca. Kien anke hallas ghall-ispejjes ta’ hut l-attrici sakemm spiccaw l-Universita’ u jghid li dawn kienu kkonfermawh huma stess fl-

affidavits taghhom fil-kawza fl-ismijiet **Michelina Psaila vs Franco Muscat Rik. Nru. 1130,/2011 JPG.**[4]

Meta z-zwieg taghhom kien spicca ghal kollox, kienu ghadhom joqoghdu Santa Lucia. Kien hemm hafna stress fil-familja tal-attrici peress li missierha kellu l-vizzju tax-xorb u ma kienx jahdem u ghalhekk qatt ma seta' jipprovdi ghall-familja tieghu.  Kien spicca kellu l-piz ta' kollox u meta sar jaf li l-attrici kellha wicc haddiehor ma' certu  JPS , li ghadha mieghu sallum u ghandhom tifel flimkien,[5] iddecieda li jitlaq. Meta telaq kien halla kollox u ma tatu xejn iktar.

Meta telaq jispjega li l-attrici kienet ippruvat iddawwar lit-tifla kontrih u kien perjodu difficli fejn anke waqa' f'depressjoni u kienu rreferewh ghand Dr. Anthony Dimech. Jispjega li kien jahdem hafna sabiex ilahhaq mal-ispejjes li kellu u biex anke jmantni lill-familja tal-attrici u dan dawwruh li kien abbanduna lill-familja ghax-xoghol. Illum pero' jghid li ghandu relazzjoni tajba hafna mat-tifla u jiltaqghu ta' spiss.

Jishaq li fiz-zwieg kienu waqqfu n-negozju RCF Autoparts & Car Accessories u l-attrici kienet involuta f'dan in-negozju. Jikkonferma li dan il-loan thallas minn self li hadu mill-APS Bank u flus li sellfuhom il-genituri taghhom, fejn ghad ghandu dejn ta' €6500 maghhom. Kien hemm ukoll ghaxar snin bolol kif ukoll kien hemm taxxa x'tithallas. Fuq dan in-negozju jghid li ghad kellu dejn mas-suppliers, kien hallas hmistax-il sena kirijiet u l-attrici qatt ma kienet hallset xejn minnhom.

---

[4] Dok. A u B annessi mal-affidavit tal-konvenut.

[5] Doc. C Anness mal-affidavit tal-konvenut.

Meta missieru kien jara li kien hemm diffikultajiet finanzjarji kien ihallas diversi spejjes.[6] Ighid ukoll li kien hemm spejjes ohra li missieru kien hallas kontanti u peress li kien gie nieqes ma setax jikkonfermahom.

Il-kera kienet tithallas minnu jew minn missieru. Imbaghad gara li l-hanut kien ghalaq peress li ma kienx qed jaghmel profitt u ma setghux ilahhqu mal-ispejjes. Sid il-hanut kien ha l-post lura u spiccaw bil-glied u kien anke pprova jwellih sabiex jevitaw il-problemi, izda l-attrici ma riditx. Dwar il-makkinarju u l-accessorji li kellu fil-hanut u dawk li rreferit ghalihom l-attrici kienu kollha bla valur. Jispjega li kienu iktar ta' piz sabiex isibilhom post.

Fl-2010 kien rega' fetah hanut XRCF Mini Market biex forsi jieqaf fuq saqajh, izda ma rnexxielux ghax rega' mar hazin. Ma kienx qed jaghmel qliegh minn dan il-hanut. Biex jevitaw l-istess problemi ta' djun li kellu qabel, il-genituri tal-konvenut hadu n-negozju f'idejhom huma. In kontro-ezami jghid li ghall-mini market XRCF ma kellux bzonn flejjes peress li ma kienx qed ihaddem dan in-negozju u lanqas il-Vat ma kien fuqu. Meta l-genituri kienu hadu dan il-hanut sabiex imexxuh huma, ma kienx ikkonsulta mal-attrici ghax kienu diga' bdew bis-separazzjoni u l-attrici ma kinitx tiehu hsieb id-dejn, il-permessi, l-ilma u l-kirijiet u kienu l-genituri tieghu li kienu qed jiehdu hsieb.

Jispjega ukoll li l-attrici kienet taf bil-loans li kellhom mal-banek Bank of Valletta plc u APS u kienet taf li kien hemm problemi ta' hlas. Ikkonferma ukoll li kellu prokura, pero' l-attrici kienet tkun prezenti l-Bank mieghu.

Jispjega li fiz-zmien li kien hareg digriet tal-Qorti sabiex ihallas manteniment lil bintu C, kien jahdem self-employed jiggestixxi haunt, izda mbaghad beda

[6] Dok. D anness mal-affidavit tal-konvenut

jaghmel telf u kellu jaghlqu f'Jannar, 2013. Kien mar l-ETC fejn spjegalhom li kellu jaghlaq il-hanut ghax kien qed jaghmel telf u kellu d-dejn. Ghalhekk kien gie rregistrat bhala "unemployed."

Dak iz-zmien kien xehed li kien qed jaghmel hiltu sabiex isib xoghol u apparti meta jibghatu ghalih tal-ETC ifittex xoghol wahdu.

Peress li kien qed jirregistra jikkonferma li bhala introju ghandu €103 fil-gimgha mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u cioe' €412 kull erba' gimghat. Ighid li qed jaghmel xoghol fil-komunita' ukoll u ghalhekk jircievi €20 fil-gimgha iktar u ghalhekk qed jaqla' circa €492 fix-xahar.

Izid ighid li minn dawn il-flejjes irid ihallas l-ispejjes ta' kuljum, inkluz ikel u medicini minhabba l-mard kroniku li jbati minnu, bhal eczema, psiorasis u depression.

Apparti minn hekk jikkonferma li ghandu l-kredituri jigru warajhl, bhala Bank u anke Transport Malta, apparti li hemm proceduri legali kontrih u dawn taf bihom l-attrici.

Jikkonferma li llum il-hanut qed jigi gestit mill-genituri tieghu u kull haga li ghandu qed jaghmlu tajjeb ghalih il-genituri tieghu bil-proprjetajiet taghhom.

Jispjega li kien hemm kawza u waqt li kienet ghaddejja kien iriceviha li kienu qatghulu d-dawl tan-negozju u spiccaw li kellhom jaghmlu agreement maghhom kif ghandhom jithallsu dawn il-kontijiet.

Jikkonferma li l-attrici dejjem hadmet u llum seta' jikkonferma li kienet tiggestixxi n-negozju taghha Rai's Bakes minn fejn tbiegh il-kejkijiet.

Izid ighid li l-imhazen li semmiet l-attrici huwa proprjeta' tal-Gvern, liema kirja ghaddiet ghand missieru fl-10 ta' Novembru, 2007.[7] Dwar l-oggetti li jinstabu fil-mahzen kienu tilfu l-valur[8] taghhom.

Dwar il-vettura tat-tip Escort ighid li l-attrici kienet taf li kienet tappartjeni lil missieru u kienet ilha rregistrata fuq JM sa mis-sena 1994. In kontro-ezami jikkonferma li kien biegh l-Escort u jikkonferma ukoll li kien juza l-Escorts sabiex ittellaq il-karozza Hal Far ghax kellu dan il-passatemp.

Illum il-konvenut jikkonferma li jbati minn depressjoni u bipolar disease u ghandu kundizzjoni fil-gilda.

**CM** , bint il-partjiet, illum maggorenni tghid li minn tfulitha kienet tiftakar li l-genituri taghha kienu jiggieldu hafna u l-konvenut ma kienx iqatta' hafna hin maghhom.

Tikkonferma li missierha kien jiggestixxi hanut tat-tyres u kien jitlobha xi kultant biex tmur il-hanut jekk kien ikollu xi qadi.

Tikkonferma ukoll li missierha kien fetah grocer u kienet tmur tghinu barra l-hinijiet tal-iskola u l-iktar fil-weekend u n-nannu kien jaghtiha xi €20 talli tkun marret fil-weekend. Tispjega li peress li kienet tiggieled hafna ma' missierha u lanqas kien iridha tohrog sabiex toqghod fil-hanut iddecidiet li titlaq. Kien jaqbad ighajjat maghha ukoll il-hanut u meta ddecidiet li titlaq mill-hanut lanqas kellmitu izjed.

L-avukat tat-tfal kienet irrakkomandatilha sabiex tibni relazzjoni ma' missierha u meta kienet qed tohrog ma' guvni li l-attrici m'accettatx kienet marret tghix ma'

[7] Dok. E anness mal-affidavit tal-konvenut
[8] Dok. F anness mal-affidavit tal[-konvenut.

missierha. Dak iz-zmien kienet tahdem hafna fil-hanut u missierha kien iridhom johorgu mieghu u dak iz-zmien ukoll kien hemm xi problemi mal-pulizija. Il-guvni li kienet qed tohrog mieghu ma riedx johrog mal-konvenut u kien ikollhom hafna xi jghidu li spiccaw telqu lil xulxin.

Tghid li dak iz-zmien li kienet tahdem fil-hanut kien nannuha li kien jiehu hsieb il-finanzi u kienet taqla' circa €20 ta' gurnata.

Tikkonferma li l-hanut tal-grocer infetah waqt li l-partijiet kienu ghaddejjin bis-separazzjoni. Tghid ukoll li l-konvenut kien ikollu l-prodotti fuq raft fil-hanut, fil-kuritur ghand ommu, kif ukoll f'erba' garaxxijiet il-Birgu u f'wiehed mill-garaxxijiet tikkonferma li kien hemm ukoll xi affarijiet tal-karozzi.

Jikkonferma li minn meta telaq mid-dar kellu relazzjoni ma' nisa ohra.

Dwar id-deheb li kellu ghand l-attrici jikkonferma li kien hadhom ghax l-attrici kienet tathomlu.

**Arthur Turner**, accountant ma' Turner and Associates kien ghamel zmien jahdem bhala l-accountant tal-konvenut sas-sena 2009, imbaghad kien waqaf jahdem peress li ma kienx qed ihallsu. Spicca fil-fatt li kellu jiftahlu kawza li kienet inqatghet kontrih.

Jispjega li l-konvenut kien qed jaghmel negozju ta' spare parts u kien ghenu jiehu self mill-APS Bank ghax ried jiftah mini market. Dan kien ghall-habta tas-sena 2010. Ighid li kien kiteb il-Bank sabiex jinfurmahom li l-konvenut kellu intenzjonji li jinvesti f'capital expenditure li jirrappprezentaw *freezer shop display* fl-ammont ta' €12, 000. Peress li kellu bzonn €8,000 ohra biex jixtri l-

istock kienu talbu l-bank facilitajiet ta' overdraft ta' €20,000 sabiex ikun jista' jhallas id-debituri u l-kredituri.

Jikkonferma li l-attrici qatt ma giet involuta fis-self u lanqas fin-negozju tal-istess loan.

Jispjega li l-problema kienet li l-konvenut fis-sena 2004 u qabel kien hemm xi Lm3,300 iddikjarati bhala qliegh u dan kien baxx wisq u mhux reali u dan meta n-negozju tieghu kien jinvolvi negozju ta' spare parts, tyres u affarijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' karozzi bhal batteries. Il-konvenut kien jiggustifika dan peress li kien ighid li kellu jigbor flus pero' ma kellux accounting records jew ledgers fejn setghu jigu ddentifikati l-kredituri u debituri.

Il-konvenut kien qallu ukoll li ried jiddiversifika ghan-negozju tal-ikel u kien fetah il-mini market. Jametti li l-konvenut ma kellux *accounting system* tajba u qatt ma kien sar *stock taking*. Kien hemm nuqqas ta' kontroll da parti tal-konvenut in generali.

Jikkonferma ukoll li l-konvenut kien qed ihallas loan wiehed fl-ammont ta' €465.18 fix-xahar u loan iehor fejn kien qed ihallas €137.13 fix-xahar.

Dwar il-garaxx fejn kellu l-ispare parts, kien hemm zewg loans wiehed fl-ammont ta' €32, 000 u l-iehor €11, 000.

Il-Bank kien infurmahom li ma kienx ser ikun hemm problema ghall-finanzjament peress li kien ser ikun hemm multiple activity. Il-cash flow tan-negozju tal-ispare parts kien juri li mis-sales li kien qed jiddikjara ma setax kellu iktar minn €9,600 bhala spare parts fis-sena, imbaghad kien ikun hemm xi €3000 depreciation u ghalhekk in-net disposal income kien jammonta ghal €13, 000. Minn negozju tal-grocery ikkalkulaw li kien ser ikun hemm €13, 000 qabel id-depreciation.

**Audrey Ghigo**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. Tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji:-

F'isem il-konvenut:-

i) Current account 012044269001[9]
ii) Current account 042166249001[10]
iii) Term deposit account 042098160100 maghluq[11]

F'isem l-attrici:-

i) Savings account 042118802050[12]
ii) Savings account 042118802051[13]
iii) Loan account 042118802300 maghluq[14]
iv) Savings account 042118802050 maghluq[15]
v) Visa card [16]

Hemm ukoll zewg kontijiet kongunti:-

i) Current account 012053039001[17]
ii) Loan account 012053039 maghluq[18]

[9] Dok. AG 1
[10] Dok. AG 2
[11] Dok. AG 3
[12] Dok. AG 4
[13] Dok. AG 5
[14] Dok. AG 6
[15] Dok. AG 7
[16] Dok. AG 8
[17] Dok. AG 9
[18] Dok. AG 10

**David Galea**, in rapprezentanza tal-APS Bank jikkonferma li mir-ricerki li ghamel irrizultaw is-segwenti kontijiet:-

F'isem il-konvenut:-

i) Loan li nfetah u nghalaq fl-istess gurnata[19]

**Kontijiet Kongunti**

i) Loan u x'aktarx infetah peress li l-loan fuq imsemmi nfetah bi zball u hemm bilanc ta' €26, 549.47.[20]

ii) Loan iehor li huwa maghluq[21]

iii) Loan iehor li huwa maghluq[22]

iv) Loan li ghadu attiv u hemm bilanc ta' €10, 144.37[23]

v) Loan li ghadu attiv u hemm bilanc ta' €31, 879.67[24]

vi) Overdraft account fejn hemm bilanc dovut ta' €16,810.31[25]

vii) Overdraft fejn hemm bilanc ta' €16, 006.20[26]

viii) Overdraft fejn hemm bilanc ta' €26, 333.83[27]

Jispjega illi l-bank kien fteah kont hus stess li juri l-ammont ta' imghax illi jkun akkumulua fuq id-dej dovut lil Bank fuq imsemmija.[28]

Il-Bank fetah ukoll zewg kontjiiet ohra bhala interest disposal account[29]

---

[19] Dok. DG 1
[20] Dok. DG 2
[21] Dok. DG 3
[22] Dok. DG 4
[23] Dok. DG 5
[24] Dok. DG 6
[25] Dok. DG 7
[26] Dok. DG 8
[27] Dok. DG 9
[28] Dok. DG 10
[29] Dok. DG 11 U DG 12

Dawn it-tlett kontijiet kollha nghalqu u gew trasferiti f'kont iehor. Kien minhabba zball amministrattiv da parti tal-Bank. L-unika differenza hija n-numru tal-kont.

Hemm erba' interest disposal accounts illi fihom gew trasferiti l-ammonti tal-kontijiet illi gew trasferiti minnhom. Hemm kont li juru li hemm ammont ta' €2,542.48. [30]F'wiehed minnhom hemm ammont ta' imghax ta' €2000.88.[31] Iehor juri li hemm ammont ta' imghax ta' €5,320.46.[32] Hemm kont li ghadu kemm infetah u ghalhekk il-bilanc ghadu zero.[33]

Izid ighid li kien hemm prokura fejn l-attrici flimkien ma' terzi appuntat lill-konvenut bhala prokuratur. Din il-prokura giet revokata mill-attrici permezz ta' ittra gudizzjarja datata 5 ta' Settembru, 2011.[34]

**Renzo Gonzi**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Ikkonferma li mir-ricerka rrizultaw is-segwenti kontijiet f'isem il-konvenut:-

i) Savings account illum maghluq[35]
ii) Savings account illum maghluq[36]
iii) Current account li ghadu miftuh u hemm bilanc ta' €1.28[37]
iv) Current account illum maghluq.[38]

Kontijiet kongunti

---

[30] Dok. DG 13
[31] Dok. DG 14
[32] Dok. DG 15
[33] Dok. DG 16
[34] Dok. DG 1
[35] Dok. RG 1
[36] Dok. RG 2
[37] Dok. RG 3
[38] Dok. RG 4

i) Loan account illum maghluq[39]

ii) Overdraft business account illum maghluq[40]

iii) Credit card loan[41]

iv) Overdraft account u l-bilanc kien ta' €5, 171.64[42]

v) Credit card account u l-bilanc huwa ta' €2, 510[43]

Kien hemm ukoll diversi sanction letters li nhargu fuq il-facilitajiet fuq imsemmija.

Ighid li kienu baghtu diversi ittri fejn il-klijenti ntalbu jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom kemm bhala bilanci, kif ukoll bhala dokumentazzjoni, L-ewwel ittra ntbaghtet fil-21 ta' April, 2011 u l-ohra 23 ta' Mejju, 2011.

Inbaghtet ittra fid-19 ta' Lulju, 2011 lill-partjiet sabiex jirregolarizzaw ruhhom[44] u ittra gudizzjarja fit-8 ta' Awissu, 2012.[45] Ir-revoka tal-prokura saret wara li nharget l-ittra fid-19 ta' Lulju.

**Mary Elizabeth Debono**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Tispjega li kien hemm statement tal-overdraft li sallum giet reduced f'Gunju, 2012. Izid tghid li dan l-overdraft kien joint[46] u kien beda b'€5000.[47] Ipprezentat l-opening letter li gie ffirmat mit-tnejn.[48] L-overdraft kien ittiehed inm konnessjoni ma' business tal-ispareparts.

[39] Dok. RG 5
[40] Dok. RG 6
[41] Dok. RG 7
[42] Dok. RG 8
[43] Dok.9
[44] Dok.DG3
[45] Dok. DG 3
[46] Dok. MED 1 u MED 2

[48] Dok. MED 3

Kien hemm ukoll credit card loan f'isem il-partijiet u inizzjalment kien f'isem il-konvenut biss. Kien applika ghalih fis-26 ta' Settembru, 2008.[49] Minhabba l-komunjoni tal-akkwisti meta tibda tehlilhom il-card tinfetah wahda joint.

Beda jigri li d-depozitu fil-card ma bediex isir fil-hin u ghalhekk il-card inqalbet fuq isem tat-tnejn.

Hemm kawza pendenti fl-ismijiet Bank of Valletta vs F and RM u pprezentat statement tal-legal fees account tal-kawza.[50] Tghid li llum il-kontijiet huma kollha in debit.

**MV** kienet taf lill-genituri tal-konvenut ghax kienu girien u missieru kien ighallimha l-karozza. Tghid li kienet tahdem maghhom fil-hanut RCF f'Haz – Zabbar l-iktar is-sibtijiet. Tghid li gieli kienet tkun wahedha fil-hanut, gieli kien ikun hemm J, missier il-konvenut u anke M Habiba tieghu, Izid tghid li l-klijentela tal -hanut kienet zghira u sakemm kienet tkun hemm hi ma kienet bieghet xejn.

**SMC** tghid li qatt ma hadmet mal-konvenut,izda kienet ghamlet att ta' karita' u marret tghin meta ommu kienet ma tiflahx. Qatt ma thallset ta' xahrejn li damet tahdem hemmhekk. Fil-hanut tghid li kien ikun hemm il-konvenut u missieru. L-ewwel kellu hanu tat-tyres, imbaghad kien hemm grocer, pero' meta kienet tmur hi l-hanut tal-grocer kien maghluq.

Tghid li ma kienx tip ta' hanut li kien ikun imballat.

[49] Dok. MED 4 u MED 5 u MED 6
[50] Dok. MED 7

**Josianne Gauci**, in rapprezentanza tal-APS Bank tikkonferma li kienet iltaqghet mal-partijiet meta l-file taghhom kien gie trasferit fir-recoveries unit. Ighid li kellhom zewg laqghat mal-attrici u xi tlieta mal-konvenut. Izid ighid li l-facilitajiet gew trasferiti lihom minhabba li ma kinux qed jigu mhallas u minhabba l-fatt li kien hemm kundizzjonijiet fis-sanction letter li ma gewx onorati, precisament kellhom jaghtu security (ipoteka) u ma tawhiex.

Kien hemm ukoll default minhabba li l-pagamenti ma kinux qed isiru u anke d-dokumenti li kienet talbithom il-fergha ma kinux gew ritornati lilhom.

Tispjega li l-ewwel sanction letter inharget fil-5 ta' Gunju, 2006 u l-loan li kien inhareg kien fl-ammont ta' Lm16,000 u kien hemm ukoll overdraft facility fl-ammont ta' Lm14, 000. LM10,500 kienu nhargu sabiex jinxtara track u dak iz-zmien il-konvenut kien jaghti servizz ta' tiswija ta' punctures. Lm5, 500 kienu nghataw sabiex isir refinance facilitajiet ohrajn li kien hemm mal-Bank of Valletta plc.

Is-sanction letter kienet iffirmata mill-konvenut, izda dan kien minhabba li kellu prokura tal-attrici. Izid tghid li l-general power of attorney harget fid-19 ta' Lulju, 2006, is-sanction letter harget f'Gunju, 2006 u l-power of attorney harget f'Lulju, 2006. Il-kuntratt gie ffirmat fis-26 ta' Lulju, 2006 u l-flus hargu mal-kuntratt.

F'Lulju, 2008, il-partijiet kienu regghu talbu ghall-facilita' ohra. Din kienet ta' €11, 500 u dan kien sabiex jiffinanzjaw konsenja ta' stock. Wara s-sanction letter li harget fl-2008 ma kinitx inharget is-security li talbu u ghalkemm is-sanction letter ma kinitx iffirmata mit-tnejn, xorta harget il-loan.

Tikkonferma ukoll li hafna drabi, il-konvenut kien jitlob il-facilitajiet.

Wara l-2008, tispjega li l-facilitajiet gew rescheduled fl-2010 u kien hemm facilitajiet li baqghu l-istess bhal business overdraft, loan 1 u loan 2. F'dan il-kaz ghal darb'ohra kien il-konvenut li ffirma ghalih u ghan-nom tal-attrici.

L-ahhar sanction letter kienet inharegt fl-2011 u kienet inghatat facilita' ta' overdraft gdida ta' €20,000 u dina nghatata sabiex jigi gestit RCF Mini Market – Confectionery, Zabbar. Maghha kien hemm self iehor ta' €25,000 u dan inghata sabiex jinxtara l-equipment, furniture u xogholijiet li saru fuq il-hanut, bhal construction works. Fuq dina s-sanction letter tghid li ma kienx gie ffirmat kuntratt u lanqas ma gie ffirmat mill-partijiet.[51]

Wahda mill-overdrafts kienet giet rescheduled.

**Mario Micallef,** in rapprezentanza tal-APS Bank ipprezenta s-sanction letter li biha l-Bank kien approva l-facilitajiet li kien talab il-konvenut.[52]

Ipprezenta ukoll ftehim ta' lokazzjoni bejn JG u l-knveut li jikkonsisti f'kiri ta' garaxx u dan id-dokument kien intalab peress li l-bank kien qed jiffinanzja l-operat u refurbishment tal-hanut tal-konvenut.[53] Fil-fatt jispjega li l-konvenut kien kera tlett garaxxijiet li niffed u jintuzaw bhala mini market.

Ipprezenta ukoll kuntratt ta' ipoteka li tkopri loan li nghata lill-konvenut.[54]

Izid ighid li prezentement il-konvenut ghandu tlett loans u zewg overdrafts u ghandu overdraft iehor li kien overdraft u gie loan.

Jikkofnerma ukoll li huma dejjem ikkorrispondew mal-konvenut peress lu hu kellu prokura minghand martu, kif ukoll mill-genituri tieghu.

[51] Doks. JG 1, JG 2 u JG 3
[52] Dok. MM 1
[53] Dok. MM 2
[54] Dok. MM 3 u 4

Jishaq li fis-sena 2009, il-konvenut marad u kellu jaghmel zewg operazzjonijiet u ghalhekk ma kienx qed jaghmel il-pagamenti fix-xahar u ma kienx qed jiddeposita fl-overdraft.

Minhabba dan, il-bank kien baghat ghall-partijiet sabiex jiddiskutu s-sitwazzjoni. Kien hemm zewg laqghat fejn kien hemm prezenti l-kollega tieghu Karl Buhagiar, u cioe' f'Ottubru, 2009 u Novembru, 2009 fejn gew diskussi kif kienu ser isiru depoziti u sabiex jaghmlu restructuring tal-facilitaijiet.

Harget sanction letter fil-21 ta' Gunju. 2010, u f'Marzu, 2011 l-ammont tas-self kien dak ta' €126, 700.[55] Pero' jispjega li llum l-konvenut mhux qed jaghmel pagamenti u ghalkemm blp-ghajnuna tal-accountant Arthur Turner, kien ighnatalu l-facilita', jirrizulta li l-hanut tat-tyres baqa' ma fethux u fuq l-mini market, il-konvenut jinsist li ma qabadx daqs kemm kien haseb u ma kellux turnover tajjeb.

**Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta jikkonferma li f'isem l-attrici qatt ma kien hemm u lanqas hemm vetturi rregistrati f'isimha.[56]

Fuq il-konvenut ipprezenta lista tad-diversi vetturi[57], kif ukoll print out ta' kull vettura.[58]

Ipprezenta ukoll informazzjoni dwar il-vetturi meta gew rregistrati fuq isem il-konvenut.[59]

---

[55] Dok. MM4
[56] Dok. STC 1
[57] Dok. STC 2
[58] Dok. STC 3
[59] Dok. STC 4

**Spettur Frankie Sammut**, stazzjonat Bormla pprezenta l-fedina penali tal-konvenut. Kellu sentenza moghtija fid-29 ta' Settembru, 2004 fejn wehel Artikolu 22 tal-Kap. 446 ghall-perjodu ta' xahar.

Kellu sentenza ohra moghija fil-11 ta' Ottubru 2010 fejn wehel Artikolu 22 tal-Kap. 446 ghall-perjodu ta' 18-il xahar u €35 multa quddiem il-Magistrat Dr. Doreen Clarke.

Quddiem il-Magistrat Dr. Saviour Demicoli fis-26 ta' April, 2012 kien hemm sentenza ohra fil-konfront tieghu fejn wehel €58 multa u €30 ammenda u fit-12 ta' Gunju, 2012 quddiem il-Magistrat Dr. Audrey Demcioli fejn wheel €230 multa u ordnatlu jhallas is-somma ta' €258.66 lil Romina Grima.[60]

Ikkonferma ukoll li kien hemm tlett kazijiet pendenti quddiem il-Magistrat Anthony Vella rigward manteniment fil-konfront tal-attrici.

**GM** omm il-konvenut tispjega li meta l-partijiet kienu ddecidew li jizzewwgu kienet sellfet Lm1,500 lil omm l-attrici minhabba t-tieg u din kienet hadet loan mil-HSBC biex thallasha lura.

Tghid li l-attrici kienet tghid maghha li l-konvenut kien johrog l-ispejjez kollha sabiex jghixu komdi u kien ihallas l-ispejjez kollha.

Tikkonferma ukoll li kien hemm zmien fejn il-partijiet kienu jghixu mal-genituri tal-attrici, izda mbaghad dina tal-ahhar kellha glieda ma' missierha u kienu marru jghixu maghhom minflok u ghalkemm ommha talbitha sabiex tmur lura ghandhom irriffjutat ghax kienet komda maghhom.

[60] Dok. FS 1

Tishaq li fiz-zwieg, il-partijiet kienu fethu hanut tat-tyres f'Haz Zabbar u kienu jghinuhom fejn setghu u anke marru maghhom il-Bank of Valletta sabiex tinhargilhom *sanction letter*, biex b'hekk ikun jista' jinxtara l-makkinarju u l-istock mehtieg ghall-hanut tat-tyres.

Wara certu zmien kienu marru flimkien l-APS Bank sabiex jinhareg loan fuq il-hanut tat-tyres u wara li ngahta dan il-loan il-business qabad sew. L-attrici kienet ikkonvincithom li kien jaghmel iktar sens jekk jaghtu prokura kollha lill-konvenut.

Kien ilhom mizzewwgin xi tmien snin, meta l-partjiet bdew ikabbru n-negozju u kienu anke jmorru Sqallija biex jixtru accessorji relatati mal-hanut tat-tyres u anke bdew jespandu l-business billi jixtru xi affarijiet tal-hwejjeg, accessorji u zraben.

Minhabba f'hekk iddecidew li jkabbru l-business u jifthu mini market. Hi u zewgha ghal darb'ohra kienu ddecidew ighinuhom finanzjarjament billi jhallsulhom parti mill-ispejjes li kellhom. Kienu kollha konsapevoli li kien hemm id-dejn.

Tispjega li l-konvenut kien ihalli l-istock fil-hanut u xi ftit fil-garaxx mad-dar. Kienu marru maghhom meta l-partijiet marru jissellfu mill-Bank ghax kienu ser ighalqu negozju wiehed u kienu ser jifthu negozju ta' grocer.

Tikkonferma li qatt ma kien hemm impjegati fin-negozju, kien hemm biss habiba li gieli marret tghinhom pero' bla hlas, izda l-konvenut gieli kien itiha xi haga talli kienet tmur tghinhom.

Illum tghid li qed jiehdu hsieb in-negozju hi u zewgha u dan peress li l-konvenut ma kellux biex ihallas biex jixtri *stock u* ghalhekk kienu jghinuh billi jixtrulu huma u bil-qliegh jergghu jixtru xi prodotti ohra.

**FM** missier il-konvenut jishaq li l-partijiet kienu damu jghixu maghhom ghal xi hdax-il sena u kienu prattikament rabbewlhom lit-tifla. Sakemm kienu qed ighixu maghhom, il-partijiet kienu fethu negozju jismu RCF li kien negozju tat-tyres u jghid li kien ghamilhom tajjeb sabiex fethu dan in-negozju u kien anke hargilhom il-flus.

Oht il-konvenut AM kienet tathom il-post taghha biex ighixu hemmhekk.

In-negozju tat-tyres ilu seba' snin maghluq u jghid qatt ma staqsa lit-tifel x'sar minnu l-istock li kellu. Kienu mbaghad fethyu mini-market li ma rnexxiex ukoll.

Izid ighid li kellu jdawwar kollox fuqu u jiggestixxi l-hanut, flimkien ma' martu u ma jghaddix flus lill-konvenut peress li hu qed jaghmel tajjeb mal-bank. Mill-qliegh qed ihallas il-bank biex inehhi mid-dejn li qed jaghmel tajjeb ghalih.

Jikkonferma li ma kienx ikkonsulta mal-attrici qabel ma beda jiggestixxi dan in-negozju u lanqas staqsa lill-konvenut jekk kienx infurmaha.

Izid ighid li mal-ETC tidher il-mara li qed tiggestixxi dan in-negozju.

**ADB** , oht il-konvenut tikkonferma li meta l-konvenut kien beda johrog mal-attrici, hi kienet tiehu hsieb lil hutha u kien gieli jghaddilha xi flus sabiex tixtri l-bzonnijiet ta' kuljum ghalihom.

Tikkonferma ukoll li ommha kellha ssellef xi Lm1500 lil omm l-attrici sabiex tixtri xi hwejjeg ghat-tieg u l-konvenut kien anke biegh il-karozza sabiex setghu jizzewwgu.

Tispjega li anke jekk il-partijiet kienu jghixu mal-genituri tal-attrici fil-bidu taz-zwieg kienet l-attrici li kienet tispicca thallas ghall-kontijiet tad-dawl u ilma, it-telefon u anke ghax-xiri tal-bzonnijiet ta' kuljum.

Itenni li l-genituri taghha dejjem raw kif jaghmlu sabiex ighinu lill-partjiet u anke biex jiehdu loan u jwaqqfu l-business tat-tyres u anke dak tal-mini market. Meta l-konvenut ma bediex ilahhaq bl-ispejjes u kienu qatghulu d-dawl kien spicca hallas l-kont missierha sabiex is-servizz jerga' jintradd lura u kien anke beda jhallas lill-agenti u baqa' jiggestixxi l-hanut sakemm inghalaq.

**Joseph Saliba**, in rapprezentanza tal-Employment u Training Corporation ipprezenta l-employment history tal-konvenut minn fejn jirrizulta li kellu zewg impjiegi fejn huwa *self-employed* u ma kellux ebda impjegati rregistrati mieghu.[61]

Ikkonferma ukoll li l-konvenut kien *self-employed* f'zewg fazi u f'dawk il-fazijiet ma kellux impjegati mieghu.[62] Sas-sena 2012 jirrizulta li l-konvenut kien ghadu *self-employed* u kien qed jiggestixxi n-negozju RCF Autoparts u bhalissa qed jirregistra ghax-xoghol mal-ETC u qed jiddikjara li qed ifittex xoghol.

Kellu ukoll zewg impjiegi wiehed ma' AutoParts fl-2012 u l-iehor fl-2002. Jekk ikun hemm *change of designation* ighid li huma ma jigux infurmati.

[61] Dok. JS 1
[62] Dok. JS 2

Ipprezenta lista tal-korsijiet li l-konvenut ghamel maghhom.[63] Ipprezenta ukoll il-job submissions, qualifications u preferenzi tax-xoghol li qed ifittex.[64] Hemm ukoll ir-*registration history*[65] u anke l-*employment history* tieghu.[66]

**Michael Mifsud**, l-advisor tieghu kien ghadu kemm irreferih biex jippartecipa fil-Community Vat Scheme, li hija skema ghal min ilu jirregistra iktar minn sitt xhur u jiehu l-beneficcju socjali.

Fiz-zmien li xehed spjega li l-konvenut ghandu jissejjah ghall-*interview* u jekk ma jghaddix jigi *struck off*. Jispjega li l-community service hija obbligatorja u jrid jaghmel 30 siegha fil-gimgha u l-beneficcju socjali jigi ttopjjat ghal ¾ minimum wage.

Jikkonferma li l-konvenut qatt ma kellu xoghol offrut mill-ETC.

Jirrizulta mid-dokumenti esebiti illi l-ahhar impjieg tieghu kien ma' RCF Autoparts u hu ddikjara li huwa *redundant.*[67]

Jishaq ukoll li kien registrat bhala "self-employed" u fit-termination form, ir-raguni li nghatat li kien waqaf minhabba nuqqas ta' xoghol. L-impjieg kien bejn l-15 ta' Mejju, 2003 sal-21 ta' Dicembru, 2012.

Itenni ukoll li minn jirregistra maghhom irid juri l-preferenzi tieghu u mbaghad minn naha taghhom jaghmlu *matching* mal-vacancies li jkun hemm. Dwar il-konvenut ighid li kien ghamel kors fil-spray painting, izda dan ma kienx inkluz bhala preferenza. Kien hemm ukoll *refreshers course* tal-private guard (erba' darbiet) izda dan ma kienx imnizzel bhala preferenza ukoll. Minhabba li ma

[63] Dok. JS 1
[64] Dok. JS 2
[65] Dok. JS 3
[66] Dok. JS 4
[67] Dok. JS 4

hemmx *match* l-ETC ma tkunx tista' tibghat ghalih ghax ma tirrizultax mis-sistema. Izid ighid li l-applikant jista' jbiddel il-preferenzi tieghu meta jrid.

**Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta r-rata tal-*unemployment assistance* li qed jiehu l-konvenut. Maghhom qed jiehu ukoll l-ispecial bonus jigifieri l-bonus ta' Gunju u Marzu li jiehdu fil-gimgha u l-bonus kbir ta' Gunju u Dicembru jiehdu kull sitt xhur li jammonta ghal €135.10.[68] Prattikament jircievi €127.82 fil-gimgha.

Il-konvenut qed jiehu ukoll is-*supplementary allowance* bir-rata ta' €4.57 fil-gimgha u dan peress li ghandu dhul baxx. [69]

Ighid ukoll li l-konvenut ilu jiehu l-assistenza socjali mis-26 ta' Jannar, 2013 u s-*supplementary allowance* ilu jiehdu mill-15 ta' Marzu, 2014. Ipprezenta ukoll l-applikazzjoni ghall-ghajnuna socjali tal-konvenut.[70]

**MP,** omm l-attrici tispjega li wara li l-attrici kienet harget tqila hi u l-konvenut kienu zzewwgu, minkejja li ma kinitx kuntenta li kienet harget tqila. Tghid ukoll li ghamlu zmien jghixu maghha wara li zzewwgu, izda l-attrici riditha tkecci lill-konvenut ftit wara. L-attrici kenet iggieldet ma' missierha u marru joqoghdu mal-familja tal-konvenut, peress li hi kienet ghaddejja minn separazzjoni minn mieghu peress li kien alkoholiku,

Il-partijiet kienu jiggieldu ta' sikwit u tghid dan kien minhabba l-flus ghaliex il-konvenut ma kienx itiha flus, mentri hu kien jonfoq hafna.

---

[68] Dok. ST 1

[69] Dok. ST2

[70] Dok. PX 1

Tispjega li dak iz-zmien li kienu jghixu maghha kellha xoghol u paga tajba, pero' il-konvenut u zewgha kienu ftehmu li l-konvenut jiehu hsieb il-cashlink u l-visa taghha biex jiehu hsieb il-paga taghha u m'accetttatx. Il-konvenut kien qalilha li ma kinitx qed thallas il-kontijiet.

Tishaq li dak iz-zmien kienet tigi msawwta mir-ragel u ghalhekk obdietu u tat l-cards taghha lill-konvenut u kien zammhom sas-sena 2004. Kellhom ftehim li hi tahdem, jahdem anke r-ragel taghha, ighaddu l-cards taghhom lill-konvenut u dan kien ighaddilha pocket money ta' Lm20 kull hmistax, filwaqt li lir-ragel kien itih Lm35. Tghid li l-attrici ma kinitx taf b'dan il-ftehim.

Tispjega ukoll li zewgha kien gieghlha sabiex tmur tiffirma sabiex jiehdu loan ta' Lm6,000 u l-intendiment kien li l-konvenut ried jixtri karozza. Il-flus kien zammhom il-konvenut u qatt ma raddhomlha lura. Irrizulta ukoll li ma kienx ha l-flus sabiex jixtri karozza, izda sabiex jiftah hanut tat-tyres. Il-flus ghal-loan kienu jittiehdu mill-paga taghha.

Baqghet tinsisti mal-konvenut sabiex ihallasha, izda kien ghalxejn, tant li kellha tohrog sekwestru fuqu u b'hekk saret taf l-attrici. Minn dakinhar li bintha saret taf, il-partijiet ma baqghux ikellmuha. Fiz-zmien li mbaghad kienet diga' sseparat minn mar-ragel, Raina bdiet thallasha ftit ftit mill-paga taghha. Illum tghid li bil-kemm titkellem mal-partijiet.

**Steven Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonferma li f'isem il-konvenut kien hemm sitt karozzi rregistrati fuq ismu.[71] Dak iz-zmien jikkonferma li kien hemm xi citazzjonijiet pendenti.

[71] Dok. TM 1 – TM 6

## KONSIDERAZZJONIJIET

Minkejja li fit-talbiet taghha l-attrici kienet talbet il-kura u kustodja tal-minuri C, fil-mori tal-kawza, it-tifla saret maggorenni u ghalhekk, dina l-Qorti ser tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tas-segwent talba.

## RESPONSABBILITA'

Il-partijiet jaddebbitaw lil xulxin bil-htija ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. Ghall-attrici l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, theddid, sevizzi, eccessi, ingurji gravi u inkompatibbilita' ta' karattru.

Il-konvenut jaddebita lill-attrici l-adulterju, it-theddid, sevizzi, eccessi u ngurji gravi.

### Adulterju

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

"… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji*

*u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* (**"Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

Il-Perit Legali kkonstata li mill-assjem tal-provi mressqa, l-attrici kkommettiet adulterju ma' JPS u addiritura kellhom tifel flimkien u dan l-adulterju wasal ghall-firda bejn il-partijiet.

L-attrici tirribatti dina l-allegazzjoni u tissottometti li l-adulterju ma giex ppruvat. Il-konvenut jinsisti li ghalkemm diga' kellhom il-problemi, meta induna li l-attrici bdiet issajjar ghal JPS u anke tahsillu l-hwejjeg u dan wassal sabiex hu jitlaq mid-dar.

Il-Qorti tirrileva li sabiex l-aggravju tal-adulterju jigi ppruvat jehtieg li jkun hemm "indizi u prezunzjonijiet gravi." L-unika prova li ngabet mill-konvenut huwa li semma lil JPS . Ma ressqux bhala xhud u lanqas ma ta' hjiel ta' meta bdiet ir-relazzjoni bejnu u l-attrici. Il-Qorti tirrileva ghalhekk li huwa difficli sabiex tistabilixxi jekk verament kienx hemm relazzjoni u jekk l-istess relazzjoni kienetx fundamentali ghas-separazzjoni taghhom. In kontraddizjoni ghal dan il-fatt, hemm il-verzjoni tal-konvenut li jammetti li sa dak iz-zmien fiz-zwieg taghhom ma kienx kollox ward u zahar.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali li l-attrici hija responsabbli ghas-separazzjoni minhabba li kkommettiet adulterju.

**<u>Adulterju tal-konvenut</u>**

L-attrici takkuza lill-konvenut li kien kkommetta adulteru fil-konfront taghha. Il-konvenut jammetti li kellu diversi nisa u kien f'relazzjoni maghhom, izda jikkonferma li dawn dejjem sehhew wara li hu u l-attrici kienu *de facto* sseparati u ghaldaqstant, l-istess adulterju ma wassalx ghas-separazzjoni,

MC tichad li kienet f'relazzjoni mal-konvenut, izda li kienu hbieb hafna u kienu ltaqghu fl-2012, li diga' per se huwa effettivament sentejn wara li l-konvenut kien telaq mid-dar matrimonjali.

Bint il-partijiet issemmi ukoll lil certu G u li missierha kien ikkonferma maghha li kien f'relazzjoni maghha. Ghal darb' ohra hadd mill-partijiet ma ressaq lil dina l-persuna bhala xhud.

Il-Qorti ghalhekk taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali li ma jirrizultax l-adulterju kommess da parti tal-konvenut.

**Abbandun**

Illi hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies***

***bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

***"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva."***

Dan l-aggravju jirrikjedi li jigu ppruvati certi kundizzjonijiet sabiex jigi soddisfatt. It-terminu sabiex l-abbandun jista' jigi kkonfermat huwa ta' sentejn, kif ukoll jehtieg li hemm ragunijiet gustifikabbli sabiex sar l-abbandun.

Il-Qorti taqbel ma' dak deciz mill-Perit Legali li l-addebitu tal-abbandun ma jirrizultax u dan meta zzewwgu fil-17 ta' Jannar, 1997 u l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali f'Settembru, 2010 u l-kawza odjerna giet istitwita fis-26 ta' Lulju, 2012 u ghalhekk effettivament il-perjodu ta' sentejn m'ghaddiex.

**Sevizzi/Eccessi/Minacci/theddid/Ingurji gravi/inkompatibbilita' ta' karattru**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi:

***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

*"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…*

*Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."*

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017:

*"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.*

*"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.*

*"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali*

***azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Fir-rapport tieghu, il-Perit Legali Dr.Keith Borg ikkonkluda li kien hemm sevizzi da parti entrambi, kif ukoll minhabba offiza gravi kommessa da parti tal-attrici.

Il-Qorti ma taqbilx mal-Perit Legali li kien hemm sevizzi kommessi da parti tal-attrici. Verament kellha l-problemi familjari taghha, fejn missierha u ommha

kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u fejn l-istess kellhom problemi finanzjarji peress li missierha kien alkoholiku.

Il-konvenut isemmi l-problemi fejn spicca jghin lill-ġenituri tal-attrici billi jmexxilhom il-flus u l-paga u kien hu li ha hsieb il-bzonnijiet ta' hut l-attrici. L-attrici tati stampa totalment differenti u tattribwixxi hafna mill-problemi fiz-zwieg fuq l-egoizmu u l-giddieb tal-konvenut l-iktar fuq il-finanzi taghhom.

L-attrici xehdet li minn dejjem il-konvenut ma kienx ihobb jahdem u kien jahli hafna hin it-tlielaq tal-karozzi, fejn kien xtara diversi vetturi minn wara dahar l-attrici biex itellaqhom. Ir-rapprezentant tal-Awtorita' tat-Trasport esebixxa u elenka diversi karozzi in sostenn ta' dan.

Il-konvenut kien fetah zewg negozji, wiehed tal-ispare parts u l-iehor mini market u ma kienx kapaci jiggestihom, tant li spiccaw bid-dejn u kienu l-genituri tieghu li mexxew in-negozju. L-assenjazzjoni tal-mini market lill-genituri tal-konvenut sar minghajr l-approvazzjoni tal-attrici u l-konvenut jammetti li dan sar minhabba li ma hassx il-htiega li jaghmel dan, peress li kienu ghaddejjin bil-proceduri tas-separazzjoni.

Jirrizulta ukoll li l-verzjoni attrici hija iktar kredibbli meta r-rapprezentanti tal-banek lokali kkonfermaw li kien hemm proceduri kontra l-partijiet minhabba nuqqas tal-hlas tas-self/overdraft li kien inghatalhom.

L-attrici ukoll stqarret li l-konvenut kien anke abbuza minn prokura li kienet taghtu ghax beda jiehu s-self bl-uzu tal-istess prokura. Jinghad ukoll li r-rapprezentant tal-APS Bank ikkonfermat li l-istess prokura giet irtirata biss wara li ntbaghet ittra legali lill-partijiet sabiex twisshom li kienu ser jittiehdu passi kontrihom jekk il-bilanc ma kienx ser jithallas.

Dan l-abbuz finanzjarju indubbjament wasssal ghall-problemi emozzjonali tal-attrici li effettivament tant kienu kontinwi li wasslu sabiex l-hajja matrimonjali giet reza impossibbli. Ghalhekk, il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix li l-konvenut wassal ghat-tkissir irrimedjabbli ta' dan iz-zwieg minhabba sevizzi kommessi da parti tal-konvenut.

## MANTENIMENT

Peress li bint il-partijiet C  kienet saret maggorenni u 'l fuq minn 23 sena ghaldaqstant m'ghadx fadal lok sabiex dina l-Qorti tipprononunzja ruhha fuq manteniment ghaliha.

Rigward l-attrici, mill-provi prodotti jirrizulta li hija tahdem u lanqas m'ghamlet talba ghall-manteniment fis-sottomissjonijiet taghha.

## KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

## KONTIJIET BANKARJI

Dwar il-kontijiet bankarji, il-partijiet m'opponewx ghar-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali f'dan ir-rigward u ghaldaqstant dina l-Qorti sejra tikkonferma l-assenjazzjoni tal-kontijiet gewwa l-HSBC Bank Malta plc. fis-segwenti mod:-

i) Il-kont kurrenti bin-numru 012044269001
ii) Il-kont kurrenti bin-numru 042166249001
iii) Kont term deposit bin-numru 042098160100
iv) Kont kurrenti bin-numru 012053039001

Dawn ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.

i) Kont savings 042118802050

ii) Kont savings 042118802051

iii) Visa bin-numru 4568822037934125

Dawn ghandhom jigu assenjati lill-attrici.

B'dana pero' li bid-debita ekwiparazzjoni, il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' **<u>€70.34.</u>**

Fir-rigward tal-kontijiet mizmuma mill-kontendenti mal-Bank of Valletta plc, il-kont kurrenti bin-numru 40015317735 ghandu jigi assenjat lill-konvenut.

Mal-Bank of Valletta plc jirrizulta li l-partijiet kienu hadu *overdraft* relatat man-negozju tal-ispareparts. Ir-rapprezentanti tal-Bank of Valletta plc ikkonfermaw li kienu baghtu diversi ittri fejn il-kontendenti ntalbu jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom kemm bhala bilanci, kif ukoll bhala dokumentazzjoni, L-ewwel ittra ntbaghtet fil-21 ta' April, 2011 u l-ohra 23 ta' Mejju, 2011. Inbaghtet ittra fid-19 ta' Lulju, 2011 lill-partjiet sabiex jirregolarizzaw ruhhom[72] u ittra gudizzjarja fit-8 ta' Awissu, 2012.[73] Ir-revoka tal-prokura saret wara li nharget l-ittra fid-19 ta' Lulju.

Mill-provi gie kkonfermat ukoll li hemm kawza pendenti fl-ismijiet **Bank of Valletta vs F u RM** u pprezentat statement tal-legal fees account tal-kawza.[74] Tghid li llum il-kontijiet huma kollha *in debit.*

Il-Perit Legali huwa tal-parir li l-kontendenti ghandhom ugwalment jaqsmu bejniethom id-dejn li hemm ezistenti mal-istess Bank of Valletta plc.

---

[72] Dok.DG3

[73] Dok. DG 3

[74] Dok. MED 7

Huwa fatt mhux ikkontestat li meta l-partijiet kienu marru jissellfu l-flus mill-Bank, l-attrici kienet konsapevoli u dan tammetih hi stess. Fil-fatt kienu lkoll prezenti meta ttiehed dan is-self, flimkien mal-genituri tal-konvenut u ddecidew li jaghtu prokura lill-konvenut. Tant hu hekk, li l-istess rapprezentant tal-Bank ikkonferma li l-istess prokura giet irrevokata wara d-19 ta' Lulju, 2011 fejn il-Bank kien wissa l-partijiet sabiex jirregolarizzaw ruhhom bil-pagamenti.

Tenut kont tal-fatt li l-konvenut huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg huwa ingust li l-attrici ghandha taqsam nofs id-dejn li hemm pendenti mal-Bank of Valletta plc. Meta l-istess konvenut kien iggestixxa hazin dan in-negozju bil-konsegwenza li l-problemi finanzjarji li kkaguna wasslu ghall-problemi fiz-zwieg taghhom. Ghaldaqstant, dina l-Qorti ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali f'dan ir-rigward.

Jibqa' biex jigi kkunsidrat id-dejn ezistenti mal-APS Bank, wara li l-konvenut kien ha self mal-istess Bank sabiex iwaqqaf in-negozju tal-mini-market RCF Confectionary. L-istess konvenut jammetti li meta kien waqqaf dan in-negozju, ma hassx il-htiega li jikkonsulta mal-attrici u dan minhabba f'Gunju, 2010 iddecidew li jisseparaw u f'Settembru, 2010 il-konvenut telaq mid-dar.

Sadanittant saret taf li l-konvenut rega' ha loan u dahal f'kirja ohra u waqqaf il-hanut u dan minghajr ma kienet taf u minghajr ma' tat il-kunsens taghha u dan meta diga' kienu bdew bil-proceduri tal-medjazzjoni. Xtara l-makkinarju u l-istock. Kien tul il-kawza li saret taf li l-genituri tal-konvenut kien hadu dan in-negozju u d-dejn peress li kien rega' beda jmur lura fil-hlasijiet, liema hanut sar jissejjah XRCF Mini Market.

Il-Perit Legali ikkonkluda li l-kontendenti ghandhom jibqghu responsabbli f'ishma ndaqs ghall-bilanc komplessiv dovut. Hawnhekk ukoll il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali ghal darb'ohra filwaqt li taqbel mas-sottomissjoniet tal-attrici, u dan primarjament meta huwa l-konvenut li qed jinzamm responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg. Inoltre, is-self u n-negozju sar u tmexxa unikamemt mill-konvenut u sussegwentement mill-genituri tieghu.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet suesposti, ghall-att ta' amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li sar ad insaputa tal-attrici, ma tistax titqies responsabbli ukoll l-istess attrici ghal dan id-dejn, ghalkemm jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u dan iktar u iktar meta l-konvenut huwa unikamennt responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg.

**Vetturi**

Dwar il-vetturi jirrizulta li hemm diversi vetturi u hafna minhhom inxtraw ad insaputa tal-attrici ukoll.[75] Il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali li l-vetturi ghandhom jibqghu fil-pussess tal-konvenut, b'dana pero' li kwalunkwe somma dovuta lil Transport Malta ghandu jithallas mill-konvenut. L-istess vetturi ghandhom jigu stmati sabiex issir id-debita ekwiparazzjoni a favur l-attrici.

**Stocks u makkinarju**

[75] Fol. 68 u 69 tar-rapport peritali

Il-Qorti kienet inkarigat lill-perit komputista Kevin Mahoney sabiex jittiehed rendikont u jsir elenku tas-segwenti:-

a) Stokk u makkinarju tal-RCF Auto Parts & Car Accessories mill-2004 'l quddiem;
b) Stock u makkinarju tal-XRCF Mini Market mill-2012 'l quddiem.

Hemm verzjonijiet kontrastanti f'dan ir-rigward. Jirrizulta mir-rapport li sar li l-konvenut ma kienx ipprezenta ebda rapport finanzjarju bejn is-snin 2012 sa 2014. Ghalhekk il-Perit Komputista bbaza r-rapport tieghu fuq il-valutazzjoni li saret fl-2014 li kienet l-ahhar wahda a disposizzjoni tieghu.

Skond il-Perit Komputista fit-28 ta' Jannar, 2014, l-istokk u l-ispare parts kellhom valur ta' €11, 123.49, filwaqt il-valur tal-makkinarju ma kienx maghruf. Dan kien in kwantu jirrigwarda RCF AutoParts & Car Accessories.

Ghal dak li jirrigwarda XRCF Mini Market fl-20 ta' Marzu, 2014, l-istock kellu valur ta' €5364.06, filwaqt li l-valur tal-makkinarju ma kienx maghruf.

L-istess Perit wasal biex ikkonkluda li l-konvenut ghandu jzomm l-istokk, spare parts u l-makkinarju, filwaqt li ghandu jsir ekwiparazzjoni fil-konfron tal-attrici.

L-attrici tikkontesta din il-konkluzjoni raggunta mill-Perit Komputista peress li fil-fehma taghha, kellu jaghmel apprezzament tal-istock u makkinarju li kien hemm fl-2011 fir-rigward ta' RCF AutoParts & Car Accessories, u li kienu jikkonsistu fis-segwenti:-

Stock = €16, 544

Tools = €4,000

Motor Vehicles = €3, 375

Improvements = €54, 495

Other Capital Assets = €60, 000.

Total = €138, 414

Il-Perit jammetti li dawn l-ammonti wasal ghalihom ghax ibbaza ruhu fuq il-projected Income Statement ghas-sena 2011[76] u zied jghid li peress illi ma gietx ipprezentanta l-Profit & Loss Account ghas-sena 2011, ma setax jivverifika jekk il-valur tal-istock kienx verament dak previst.

Dwar il-makkinarju ma setax jistabilixxi mill-assi x'kien hemm bhala makkinarju u dan ghas-sena 2011.

L-attrici qed tinsisti li fir-rapport tieghu, il-Perit kellu jinkludi dan it-total tas-sena 2011 ghax jaghti izjed stampa cara, izda din l-informazzjoni prodotta tindika oltre dak li huwa stock u makkinarju, u l-attrici qed tinsisti maggorament fuq il-"capital assets" li gew ivvalutati ghall-ammont ta' €60,000. Ma hemmx indikazzjoni f'xiex jikkonsistu dawn l-assi, pero' l-Perit ikkonstata li dawn huma relatati man-negozju tal-RCF Autoparts and Car Accessories u dan peress li l-mini market kien ghadu ma nfetahx.

Ma tressqux provi ulterjuri ta' xiex inhuma dawn l-assi. Inoltre, ma kienx il-kompitu tal-Perit Komputista li jistabilixxi l-konsistenza taghhom, peress hu kellu biss jistabilixxi l-istock u l-makkinarju.

[76] Ara fol. 499 tal-process

Gie stabbilit biss li dawn huma assi ta' natura kapital li jappartjenu lill-propjetarju tan-negozju u cioe' l-konvenut. Ma tressqux provi mill-attrici dwar dawn l-assi u dina l-Qorti ma tistax tikkonkludi x'inhuma u jekk jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti jew jekk humiex parafernali.

Ghaldaqstant, minhabba nuqqas ta' provi, dina l-Qorti mhux ser tillikwida u tassenja l-istess.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba sevizzi kommessi da parti tal-konvenut.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba u dan stante li llum it-tifla hija maggorenni;

3. Tichad it-tielet talba attrici.

4. Tichad ir-raba' talba attrici.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.

6. Tilqa’ s-sitt talba attrici kif fuq imfisser.

7. Tilqa’ s-seba’ talba attrici sa fejn applikabbli.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**